C/2025/5872

31.10.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.12138 — TATA MOTORS / IVECO GROUP)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/5872)

1. Fit-23 ta' Ottubru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— TML Commercial Vehicles Limited ("TML", l-Indja),

— Iveco Group N.V. (in-Netherlands).

TML se takkwista indirettament, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv tal-Iveco Group kollu, minbarra n-negozju tad-difiża li huwa jopera taħt il-marki IDV u ASTRA.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' offerta pubblika mħabbra fit-30 ta' Lulju 2025.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— TML hija kumpanija Indjana attiva globalment fis-settur awtomobilistiku, inkluż fid-disinn, il-manifattura u l-bejgħ ta' vetturi kummerċjali,

— Iveco Group, kumpanija nnegozjata pubblikament fuq Euronext Milan, hija attiva b'mod partikolari fid-disinn, il-produzzjoni u l-bejgħ ta' vetturi kummerċjali, bħal trakkijiet u xarabanks, kif ukoll prodotti tal-motopropulsjoni.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12138 — TATA MOTORS / IVECO GROUP

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.